SAN LAWRENZ

Minuti tat-tnejn u hamsin (52) laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar it-Tlieta, 30 ta' Settembru 2014 fis-6.35 ta' fil-ghaxija.

Prezenti ghal laqgha:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Cassar | Sindku |
| Is-Sna. Micheline Mercieca | Vici Sindku |
| Is-Sna. Luiga Grima | Kunsillier |
| Is-Sur John Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna. Rose Vella | Kunsillier |
| Is-Sna. Odette Camilleri | Agent Seg. Ezekuttiv |
| Is-Sna Renee Formosa | Ambaxxatrici |

1. Talba

Intqalet it-talba. Is-Sindku ppresieda l-laqgha.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Inqraw il-minuti mill-Agent Seg. Ezekuttiv Odette Camilleri u gew approvati kif prezentati. Il-minuti gew iffirmati mis-Sindku u l-Agent Seg. Ezekuttiv.

*Mill-Minuti*

2.2 Is-Sindku staqsa lil membri jaqblux li t-talba ghal *un/loading* ta' quddiem il-hanut tal-merca tal-Pjazza ikun riservat mis-7.00 ta' fil-ghodu sa nofsinhar u mill-4.00 ta' fil-ghaxija sas-7.00 ta' fil-ghaxija. Il-membri qablu.

2.3 Rigward l-ghoti ta' gieh lil Ex Seg. Ezekuttiv Lucienne Haber u lil Kuntrattur Joe Grima skond kif ippoponiet il-Kunsilliera s-Sna. Rose Vella fil-laqgha precedenti, s-Sindku gibed l-attenzjoni tal-kamra li ma jaqbilx li jinghata gieh lil ebda kuntrattur peress li ser jithallsu ghax-xoghol li ghamlu fil-pjazza u tista' tinqala' polemika. Is-Sna. Vella sostniet li fl-opinjoni taghha l-Kuntrattur xorta haqqu li jinghata dan il-gieh peress li ta l-iscafolding b'xejn lil knisja biex tigi restawrata l-Knisja u s-Sna Lucienne Haber irnexxilha iggib aktar fondi ghal progett tal-pjazza. Is-Sindku rrisponda li fid-diskors tieghu waqt l-inawgurazzjoni tal-pjazza hu ser jirringrazzja lil kull min ta' sehmu biex isir dan il-progett. Il-Vici Sindku sahqet f'dan ir-rigward ma ghandu jinghata gieh lil hadd sabiex ma

tinholoq ebda polemika. Il-membri qablu mas-Sindku u l-Vici Sindku izda s-Sna. Rose Vella xorta ma qablitx mal-prezenti.

2.4 Is-Sur John Mercieca staqsa fuq il-problema tal-*bring in sites* u gibed l-attenzjoni tal-prezenti li hu ma jaqbilx li jitnehhew. Is-Sindku nfurmah li l-Kunsill lanqas jaqbel li jitnehhew tant li ghadu qed jistenna ir-risposta tal-Green MT jekk hemmx xi Kunsill li jista' jaghtihom b'xejn lil Kunsill ta' San Lawrenz peress li ma jkunx ghad baqalu wzu ghalihom u b'hekk il-Kunsill ikun qed jiffranka illi jixtrihom. Il-prezenti qablu li jekk ma jigux provduti b'xejn, din il-materja terga' tigi diskussa.

2.5 L-Agent Seg. Ezekuttiv infurmat lil prezenti li s-sejha ghal Segretarju Ezekuttiv gdid mill-*pooling* harget nhar il-Gimgha, 26 ta' Settembru 2014 u ser taghlaq nhar it-Tnejn, 20 t'Ottubru 2014 f'nofsinhar.

3. Qbil fuq punti li ser jitressqu waqt il-laqgha mal-Onor. Stefan Buontempo

Il-Kunsill qabel li jiddiskuti dawn il-punti:

- Il-bilanc dovut lil Kunsill mill-MEPA meta giet mibnija il-lukanda Kempinski. Dawn il-flus qatt ma gew mghoddija lil Kunsill.
- Talba ghal zieda fl-allokazzjoni.
- Il-burokrazzija fuq l-ghoti tad-dawl tal-pjazza.
- Sabiex jinghataw ftit *plots* minn tal-gvern biex isir ftit zvilupp.
- Il-haddiema tas-CWS.
- Self ta' skrivan sakemm il-Kunsill ikollu s-Seg. Ezekuttiv.
- Sabiex issir l-manutenzjoni neccessarji fil-*playing field.*
- Sabiex ic-*childcare* isirilha *embellishment* sabiex tigi *up to standard* u tkun tista' tigi rregistrata.
- Sabiex jaghglu l-process mill-Agenzija tal-pagamenti fuq il-Mizura 313 u 323.
- Jintalab post sabiex issir ghassa tal-pulizija u l-latrina pubblika.

4. Tindif tal-*water culvert* madwar ir-rahal

Is-Sindku ser jkellem lil *handyman* tal-Kunsill u jitolbu stima. Il-membri qablu.

5. Talba lil Transport Malta ghat-twahhil ta' kontrol tad-dawl taz-*zebra crossing*

Is-Sindku propona li ghandu jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex jitwahhlu l-*poles* tal-*flicker lights* taz-*zebra crossings*. Il-membri qablu.

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt

SAN LAWRENZ

6. Korrispondenza

6.1 Ittra minnghand il-Green MT fejn talab il-kordinament tal-Kunsill sabiex joffri servizz ta' gbir ta' hgieg kull l-ewwel Hamis tax-xahar li ser jibda' mis-6 ta' Novembru 2014. Dan is-servizz ser jigi offrut mill-Green MT bla hlas. Il-Kunsill qabel ma dan u ghandu jinforma lir-residenti.

6.2 Ittra minnghand Louis Debattista rigward id-*Dauthlon Race.* Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab aktar informazzjoni fejn ser issir.

6.3 Emejl minn ghand l-Ex Seg. Ezekuttiv lil Sharlo Camilleri ta' l-MSDEC kopja lil Kunsill fejn irrezenjat minn Project Leader tal-Kunsill Lokali tal-Progetti. Is-Sindku absorbja din ir-responsabilita' u ser jkun Project Leader hu.

7. Materji Ohra

7.1 Is-Sur John Mercieca fejn gibed l-attenzjoni li l-vultagg tad-dawl ta' fejn il-*plots* jinbidel ghal kif kien qabel peress li huwa baxx hafna u qed ikun hemm hafna dlam fl-inhawi. Is-Sindku propona li dan ghandu jsir bi prova. Il-membri qablu.

7.2 Il-membri qablu li l-ismijiet ta' l-isqaqien ghandhom jitwahhlu mill-Kuntrattur Joe Saliba x'hin jitlestew.

Il-laqgha ntemmet fit-8 ta' fil-ghaxija.

Anthony Cassar
Sindku

Odette Camilleri
Agent Seg. Ezekuttiv

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt